

# FOROM TA' ŻVILUPP

## Form 5 Unit 2 Option

©Ms Lana Turner
Downloaded from studjisocjali.com

2. **Forom ta’ żvilupp:** ekonomiċi, soċjali u ambjentali.

PARTIJIET MINN DAWN IN–NOTI JIDĦLU UKOLL FIL–5 TEMA **GLOBALIZZAZZJONI**

• Definizzjoni ta’ żvilupp.

• Tipi ta’ żvilupp (ekonomiku, soċjali, ambjentali, teknoloġiku).

• Żvilupp ekonomiku: id-differenza bejn il-livell tal-għajxien u l-kwalità tal-ħajja; il-karatteristiċi ta’ pajjiżi bi dħul għoli, medju u baxx; il-qasma bejn in-Nord u s-Sud fid-dinja; il-Prodott Gross Domestiku (GDP), il-Human Development Index (HDI).

• Żvilupp soċjali: l-iżvilupp tat-tfal, iż- żgħażagħ u l-adulti, l-iżvilupp talkomunità.

• Żvilupp ambjentali (aspetti pożittivi u negattivi): l-iżvilupp tal-art (rurali u urban), l-iżvilupp ekoloġiku.

• Żvilupp teknoloġiku (avvanzi fl-ICT u t-teknoloġija medika).

Aktar informazzjoni fuq Studji Soċjali – Nifhmu l-Ġenn tas-Soċjetà Paġna 232



© Ms Lana Turner






© Ms Lana Turner

## L-IŻVILUPP – DEFINIZZJONI QASIRA

L-iżvilupp

L-iżvilupp hu dwar in-nies

L-iżvilupp hu dwar in-nies li jagħmlu l-għażliet tagħhom

L-iżvilupp hu dwar in-nies li jagħmlu l-għażliet tagħhom ibbażati fuq il-valuri

L-iżvilupp hu dwar in-nies li jagħmlu l-għażliet tagħhom ibbażati fuq il-valuri dwar il-kwalità tal-ħajja.

Fl-1994 il-United Nations fir-rapport dwar l-iżvilupp uman ħarġu b'kunċett ġdid li ittratta s-sigurtà umana u iddefinixewha fuq seba' livelli differenti :

**Sigurtà ekonomika** – dħul ekonomiku bażiku (mhux bilfors ġej mix-xogħol), gvernijiet li jieħdu ħsieb il-fqar tal-pajjiż, aċċess għal art, pagi ġusti, kundizzjonijiet ta' xogħol tajbin, u djar sodisfaċenti.

**Sigurtà għall-ikel** – l-ikel irid ikun jista' jgawdi minnu kulħadd u jkun aċċessibli kemm ekonomikament kif ukoll fiżikament, ikun hemm progress fil-ħżin u distribuzzjoni ta' dan l-ikel, u programmi iffukati fuq dawk l-iżjed li qed ibagħtu jew qegħdin fil-periklu (vulnerabbli).

**Sigurtà ta' saħħa** – biżżejjed ikel, ilma nadif u sanità, faċilitajiet tal-kura bażiċi li jintlaħqu minn kulħadd, investiment fis-saħħa b'attenzjoni partikulari fuq dawk l-iżjed vulnerabbli.


© Ms Lana Turner

**Sigurtà ambjentali** – liġijiet li jipproteġu l-ambjent naturali, provediment ta' ambjent nadif u sikur, azzjonijiet kontra t-tniġġis, u kuxjenza dwar il-konsegwenzi li nistgħu insofru fil-futur meta ċertu azzjonijiet jittieħdu.

**Sigurtà personali** – protezzjoni minn vjolenza ta' l-istat, ta' stati oħra, minn nies oħra differenti (gruppi etniċi) jew individwi oħra, tal-irġiel kontra n-nisa eċċ.

**Sigurtà tal-komunità** - protezzjoni minn attakki etniċi jew komunali, protezzjoni għal nies indiġini u għal kultura eċċ.

**Sigurtà politika** – protezzjoni minn repressjoni politika, tortura, vjolazzjoni tad-drittijiet umani, tad-dritt li tivvota eċċ.

"Dan il-kunċett m'għandux x'jaqsam ma' difiża bħal ma' hi difiża militari iżda hu kunċett dwar integrazzjoni. Iħaddan fih l-ideja li ċerti affarijiet għandu jgawdi minnhom kulħadd għax huma universali, juri l-ħtieġa għal solidarjetà bejn il-popli tad-dinja. Ma' jistax jiġi akwistat bl-użu tal-forza, b'armata kontra armata. Jista' jiġri biss jekk kulħadd jaqbel li l-iżvilupp għandu jgawdi minnu kulħadd". UNDP (United Nations Development Plan)


© Ms Lana Turner

**PROGRESS U SFIDA : bilanċ globali**

**IS-SAĦĦA**

Filwaqt li rajna progress f'dik li hi età medja f'ħafna pajjiżi xorta għad hawn 10 miljun tfal kbar u 14 il-miljun tfal żgħar imutu kull sena minn mard li jista' jkun imfejjaq bi ftit flus. Fl-Afrika 10 miljun ruħ huma issa infettati mil-virus tal-AIDS filwaqt li f'pajjiżi bħal Nepal u Bangladesh l-età medja tan-nisa hi iqsar minn dik tal-irġiel (filwaqt li s-soltu l-età tan-nisa tkun itwal minn tal-irġiel).

Ir-rata tal-mewt tat-trabi mat-twelid veru għamlet kambjament iżda kuljum xorta 34,000 tfal imutu minn nuqqas ta' ikel u mard li jista' jiġi ikkurat.

**IS-SIGURTÀ**

Veru li malli spiċċat il-gwerra bierda u s-superpotenzi fil-pajjiżi żviluppati ma' baqgħux theddida fl-1990 biss madwar 380,000 refuġjat setgħu jirritornaw lejn arthom imma gwerrer u konflitti interni issa qed jaffetwaw aktar minn 60 pajjiż u 1 minn kull 115 persuna fid-dinja huwa refuġjat jew migrant b'aktar minn 6 miljun refuġjat ġewwa l-Afrika waħedha.

Fl-1974-93, 130 elezzjonijiet inżammu fl-Amerika Latina u fil-Karibew, u mill-1980, 18 il-pajjiż bidlu s-sistema ta' tmexxija tagħhom minn waħda dittatorjali għal waħda demokratika imma xorta fl-1992 l-



© Ms Lana Turner

'Amnesty International' irraportat ksur tad-drittijiet umani f'112 pajjiż madwar id-dinja kollha.

## IL-LETTERIŻMU U L-EDUKAZZJONI

Fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw ir-rati tal-letteriżmu ta' l-adulti żdiedu minn 46% għal 60% bejn l-1970 u l-1985 iżda xorta il-fuq minn biljun adult għadhom ma' jafux jaqraw jew jiktbu u din ir-realtà qed taffetwa ħafna aspetti tal-ħajja ta' kuljum tagħhom inkluż is-saħħa, l-istat ekonomiku tagħhom u l-istat ta' għejxien tal-familja tagħhom.

In-numru ta' bniet fil-pajjiżi tat-tielet dinja li jattendu l-iskola sekondarja irdoppja fl-aħħar għoxrin sena iżda xorta żewġ terzi tan-nisa kollha fil-pajjiżi tat-tielet dinja huma illetterati u f'xi postijiet rurali n-numru jista' jilħaq il-85%.

Bħala riżultat ta' sforz kontinwu fi sittinijiet u sebgħinijiet in-numru ta' tfal fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw li komplew 4 snin ta' skola fuq livell primarju kien laħaq il-50% u iżjed iżda xorta bħala riżultat tal-kriżi tad-dejn fi tmeninijiet u l-ħlas lura ta' l-interessi li dawn il-pajjiżi kienu qed jiġu sfurzati jħalsu lura, l-infiq fuq l-edukazzjoni primarja naqas ħafna u dawn il-figuri issa qed jonqsu drastikament.

## IN-NISA U T-TFAL

Fil-pajjiżi ndustrijalizzati n-nisa jgħoddu għal iżjed minn 40% tan-nies li jaħdmu u għandhom 28% mill-pożizzjonijiet maniġerjali u amministrativi u fl-Asja il-19% tar-rappreżentanza fil-parlament hi 1.6


© Ms Lana Turner

drabi iżjed minn dak tad-dinja ndustrijalizzata. Imma xorta n-nisa jgħoddu għal 66% tal-illetterati tad-dinja u 70% tal-fqar tad-dinja; Fl-Asja biss hemm 374 miljun mara fqira li jgħixu fl-irħula u dan hu iżjed mill popolazzjoni kollha tal-Ewropa tal-Punent.

Bejn l-1960 u l-1992 ir-rata tal-mewt tat-trabi naqset bin-nofs fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw imma xorta nsibu li tfal kullimkien huma vittmi vulnerabbli tal-vjolenza – fil-Brażil, id-dar ta' 200,000 tfal tat-toroq, 4 t-itfal jiġu maqtulin kuljum filwaqt li fit-Thailand, Sri Lanka u l-Filippini madwar 500,000 tfal jaħdmu bħala prostituti.

## ILMA U SANITÀ

Il-provizzjoni ta' ilma nadif u bla periklu għas-saħħa fil-pajjiżi tat-tielet dinja żdied b'aktar minn żewġ terzi fl-aħħar 20 sena u kważi żewġ terzi tan-nies għandhom aċċess għal servizz bażiku tas-saħħa iżda 1.5 biljun ruħ oħra m'għandhomx dan l-aċċess jew ilma nadif u fl-Amerika Latina huma biss 56% tan-nies f'akwati rurali ikkomparat ma' 90% li għandhom aċċess għal ilma nadif.

## IKEL U NUTRIJENTI

Bejn l-1965 u l-1990 in-numru ta' pajjiżi li setgħu jilħqu l-livell neċessarju ta' ikel biżżejjed għan-nies tagħhom irdoppja minn 25 għal 50 iżda xorta bejn wieħed u ieħor 800 miljun ruħ ma' jieklux biżżejjed, 500 miljun jibqgħu kontinwament b'nuqqas kbir ta' ikel u fl-1990, aktar minn 100 miljun batew il-ġuħ (*famine*).


© Ms Lana Turner

## IL-POPOLAZZJONI U L-AMBJENT

F'kull kontinent madwar id-dinja inkluż fl-Afrika il-popolazzjoni qegħda tonqos iżda xorta l-popolazzjoni tkompli tiżdied bejn wieħed u ieħor b'240,000 kuljum – dan qisu Żvizzera ġdida kull 30 ġurnata jew Ċina ġdida kull għaxar snin bl-aktar rata ta' żieda f'dawk il-pajjiżi li l-anqas jistgħu jmantnuhom.

Il-ħsara fl-ambjent minn dħaħen tossiċi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw huma anqas minn kwart ta' dawk tal-pajjiżi żviluppati allavolja l-popolazzjoni tagħhom hi 3.5 drabi akbar imma 200 miljun ruħ qed ibagħtu minn deżertifikazzjoni tal-art fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw filwaqt li n-nies fil-pajjiżi żviluppati (1/5 tal-popolazzjoni dinjija) jikkunsmaw 9 darbiet aktar enerġija kummerċjali minn nies fil-pajjiżi tat-tielet dinja.

Aktar minn 2.8 biljun nies, qrib ħafna ta' nofs il-popolazzjoni dinjija, jgħixu fuq anqas minn 2 dollari kuljum. Aktar minn 1.2 biljun nies jew 20% tal-popolazzjoni dinjija tgħix fuq anqas minn dollaru kuljum.

L-Asja t'isfel għandha l-aktar numru ta' nies foqra (522 miljun) jgħixu fuq anqas minn dollaru kuljum. Fl-Afrika fir-reġjun Sub Saħara, hemm l-akbar proporzjon ta' nies foqra madwar 46.3%.

Aktar minn biljun huma illitterati, aktar minn biljun m'għandhomx aċċess għall-ilma nadif, u madwar 840 miljun isofru l-ġuħ. Terz ta' tfal kollha taħt il-ħames snin ibatu minn nuqqas t'ikel.


© Ms Lana Turner

In-nefqa biex tipprovdi s-servizzi meħtieġa u ttaffi l-faqar hi madwar 80 biljun dollaru, u din hi anqas minn 0.5% tad-dħul globali.

Id-dħul ta' tliet minn nies l-aktar sinjuri tad-dinja jaqbeż l-ammont totali tal-Prodott Gross Domestiku ta' l-ifqar 48 pajjiż.

Għal kull dollaru li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw irċevew f'għajnuna, qed jħallsu 13 il-dollaru f'interessi.

Li tkun fqir qabel kienet tfisser li jkollok dħul baxx u li ma' tistax ikollok ikel tajjeb jew dar. Imma llum li tkun fqir tfisser li ma' jkollokx l-opportunitajiet u l-għażliet biex tkun tista' tgħix ħajja twila, ikollok livell ta' għixien diċenti, li tkun liberu u li jkollok ir-rispett tiegħek innifsek.

Ħadd ma' jieħu pjaċir jgħix fil-ħmieġ, jew fil-*favelas*, jew ħdejn miżbliet. Jgħixu hemm għax m'għandhomx għażla. Mingħajr flus, edukazzjoni, u ħiliet naraw illi nofs il-popolazzjoni tad-dinja tgħix fil-faqar u ma' tantx għandhom opportunitajiet biex jgħollu l-livell ta' għixien.

Il-faqar jista' jkun riżultat ta' fatturi differenti :

- Saħħa fqira, mard u diżabilità ma' jħallux lill-bniedem jaħdem u jaqla l-ġurnata tax-xogħol tiegħu. Problemi tas-saħħa fil-familja jfisser li se jkun hemm problemi ta' dħul tal-flus għal


© Ms Lana Turner

familja kif ukoll li l-mard jwassal biex il-familja kollha tinqered u ssib ruħha fqira.

- Nuqqas ta' edukazzjoni jwassal biex il-membri tal-familja jaqilgħu ftit flus u jsibu dak ix-xogħol li hu mħallas bi ftit flus. Għalhekk dawn il-familji ma' jkunux jistgħu jħallu t-tfal imorru l-iskola minħabba spejjeż u għax irid ikollhom kemm jista' jkun membri tal-familja li joħorġu għax-xogħol. Din tirrepeti ruħha fil-ġenerazzjonijiet futuri u dejjem se jibqa' il-fatt li jkollok nies b'livell ta' edukazzjoni baxxa jew xejn.

- Nisa bit-tfal huma meqjusa bħala l-maġġoranza ta' nies li jgħixu fil-faqar. Il-bniet huma l-ewwel li ma' jitħallewx ikomplu l-iskola biex jgħinu fix-xogħol tad-dar u t-trobbija ta' ħuthom iżgħar minnhom.
- Il-faqar huwa marbut ukoll mal-HIV/AIDS. Huwa ikkalkulat li sa l-2010 fl-Afrika biss sa jkun hemm 40 miljun orfni ta' l-AIDS.

- Fil-Millenium Report ħareġ li l-pajjiżi fqar speċjalment f'dawk fejn hemm inugwaljanza etnika u reliġjuża, se jkunu mdaħħlin fi ġlied. Fil-fatt 20 minn 38 pajjiżi l-iktar fqar huma f'nofs ta' gwerra jew għadhom kemm ħarġu minn gwerra.

Il-faqar jeżisti f'ħafna mill-pajjiżi industrijalizzati u f'dawk li għadhom qed jiżviluppaw. Dan huwa r-riżultat ta' proċessi ekonomiċi bħal :

- Pajjiżi qed ikollhom iħallsu aktar biex itaffu d-dejn tagħhom milli jonfqu fuq is-saħħa u l-edukazzjoni. Dan ġara minħabba gvernijiet korrotti u inkapaċi għalhekk hemm pajjiżi Afrikani li jħallsu 14% mid-dħul ta' l-esportazzjonijiet tagħhom għad-dejn, pajjiżi Asjatiċi jħallsu 22% mid-dħul ta' l-esportazzjonijiet għad-dejn u l-Amerika t'isfel tħallas terz mid-dħul għad dejn.



© Ms Lana Turner

Fl-1999, l-'International Monetary Fund' u l-'World Bank' addottaw inizjattiva biex jgħinu lill-pajjiżi l-aktar midjunin, din tissejjaħ 'The Enhanced Heavily Indebted Poor Countries Initiative'. Dan il-pjan kellu jgħin lil 41 pajjiż l-aktar fqir u imdejjen u kien mistenni li jinħafer 71% mit-total tad-dejn. Ftit pajjiżi kienu jikkwalifikaw għal din l-għajnuna.

- Kwistjonijiet relatati mas-suq u 'policies' kellhom effett negattiv. Ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw jiddependu fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli mhux proċessati biex ikollhom flus barra l-pajjiż, imma ħafna minn dawn il-prodotti waqa' l-prezz tagħhom. Imma l-prezz dinji tal-'fuel' u prodotti maħduma ogħla. Pajjiżi żviluppati qed jagħmlu wkoll restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli minn dawn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, għalhekk qed jagħmluilhom diffiċli biex ibiegħu l-prodotti tagħhom. Dawn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw iddejnu biex jimportaw prodotti u għalhekk beda iċ-ċiklu tal-faqar.

L-Indonesja li xi darba kien 'self sufficient' fil-qasam ta' l-ikel, illum jimporta 20 miljun tunnellata ross kull sena. Il-munita lokali ġiet devalwata, il-prezz tar-ross kien għoli u b'hekk madwar 100 miljun persuna fqaru.

- Il-fqar m'għandhomx aċċess għall-art agrikola, u l-art li jgħixu minnha normalment hi fqira ħafna, u suġġetta għal-diżastri naturali bħal ilma, jew għad-hemm sistema fewdali. Għalhekk hemm bżonn bdil fil-liġijiet, investiment pubbliku fl-agrikoltura, servizzi teknoloġiċi u stabbilita fil-prezzijiet biex jilqgħu għat-tfixkil li l-fqar fl-agrikoltura jiltaqgħu magħhom.


© Ms Lana Turner

- Nuqqas ta' xogħol. Il-fqar jitilqgħu mill-kampanja biex ifittxu x-xogħol fl-ibliet. Imma f'ħafna pajjiżi nafu li m'hemmx xogħol li jagħti paga xierqa biex wieħed jgħix diċenti. Madwar id-dinja huwa stmat li minn 3 biljun nies li huma kapaċi għax-xogħol, madwar 140 miljun huma bla xogħol u madwar terz jaħdmu '*part-time'.*

- Nuqqas ta' infrastrutturi tajbin u nuqqas ta' aċċess għas-servizzi bażiċi bħas-saħħa, u edukazzjoni. Ħafna jgħixu f'partijiet fejn m'għandhomx drenaġġ u ilma nadif. Dawn ukoll m'għandhomx informazzjoni dwar kif jistgħu jieħdu ħsieb saħħithom.
- F'kull pajjiż insibu preġudizzji li jemarġinaw nies ta' reliġjon u gruppi etniċi differenti li jwasslu għal eskluzzjoni.

Illum il-ġurnata l-faqar jitkejjel meta nieħdu kunsiderazzjoni jekk bniedem għandux l-għażliet u l-opportunitajiet biex jgħix ħajja diċenti.

L-Għanijiet tal-Millenium :

- Sa 2015, trid tonqos bin-nofs il-popolazzjoni li tgħix fuq anqas minn dollaru kuljum.
- Sa 2015 trid tonqos bin-nofs il-popolazzjoni li qed tbagħti l-ġuħ.
- Sa 2015 trid tonqos bin-nofs il-popolazzjoni li m'għandix ilma tajjeb u nadif x'tixrob.
- Sa 2015 trid tiġi pprovduta edukazzjoni primarja għas-subien u bniet ugwali.
- Sa 2015 titnaqqas il-firxa ta' HIV/AIDS u l-Malarja.
- Sa 2015 titnaqqas il-mortalità fil-maternità bi tliet kwarti u titnaqqas il-mewt tat-trabi b'żewġ terzi.
- Sa 2015 tiġi 'l quddiem il-ħajja ta' mill-anqas 100 miljun persuna li jgħixu ġo '*slums*'.



© Ms Lana Turner

Kif jistgħu jintlaħqu dawn l-għanijiet?

- Aċċess liberu għas-swieq għall-prodotti tal-pajjiżi fqar.
- Jinħafer id-dejn.
- Għajnuna aktar ġeneruża lill pajjiżi fil-bżonn.
- Ħidma effettiva min kumpaniji farmaċewtiċi biex tiġi pprodotta titqiba kontra l-HIV.

Kif nistgħu niġġieldu l-faqar u x'jistgħu jagħmlu l-pajjiżi żviluppati biex tittaffa din il-problema?

- Tkabbir ekonomiku : Dan it-tkabbir irid ikun ugwali ma' kulħadd. Wara l'Earth Summit' ta' l-1992, il-Filippini kien l-ewwel pajjiż li waqqaf kunsill għal żvilupp sostennibli bi sħab mal-gvern, is-soċjetà ċivili u l-industriji privati. Dawn l-industriji ħadmu biex jiġi kkontrollat it-tniġġis, isir riċiklaġġ u sar ftehim ma' unjons tal-ħaddiema.
- Il-globalizzazzjoni u s-swieq : Minħabba l-globalizzazzjoni il-pajjiżi żviluppati jipproteġu s-swieq tagħhom billi jagħmlu t-tariffi fuq il-prodotti u jagħmlu kwoti kemm jistgħu jixtru minn dawn il-pajjiżi. Dawn il-pajjiżi żviluppati jistgħu jgħinu billi inaħħu d-dazzju minn fuq il-prodotti li jiġu minn pajjiżi li qed jiżviluppaw, u jneħħu l-kwota minn fuq il-prodotti.
- Servizzi bażiċi għal kulħadd : Policies tal-gvernijiet għandhom jaħdmu biex inaqqsu l-faqar, iżidu l-kapaċità produttiva tal-popolazzjoni.
- Ugwaljanza bejn is-sessi : Aktar nisa milli rġiel ibatu l-faqar.


© Ms Lana Turner

**Għanijiet Internazzjonali**

Fis-summit dinji li sar dwar il-faqar, kulħadd qabel li :

- Ikun hemm aċċess għal servizzi bażiċi
- Xogħol produttiv
- Żvilupp sostennibli
- Sigurtà għall-bniedem
- Ugwaljanza
- Tieqaf id-diskriminazzjoni
- Parteċipazzjoni fil-ħajja komunitarja.

**BŻONNIJIET BAŻIĊI**

**L-età medja – (Life Expectancy)**

Mill-1950 l-hawn l-età medja tan-nies fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw żdiedet b'aktar minn 50% - dan ħa anqas żmien milli konna ħadna fil-pajjiżi żviluppati. L-età medja fil-pajjiżi kollha tat-tielet dinja żdiedet minn 43 sena fl-1950 għal 65 fl-1993. F'Malta l-età medja tan-nisa hi ta' 81 sena u tal-irġiel ta' 78 sena, figuri simili ħafna għal kumplament tal-pajjiżi żviluppati. L-inqas kambjament sar fil-pajjiżi tal-Afrika tas-Saħara fejn ħafna imutu ta' 40 sena.

**Il-litteriżmu**

Fl-1950 kienu biss 33% tal-popli tal-pajjiżi tat-tielet dinja li kienu jafu jaqraw u jiktbu filwaqt li llum il-ġurnata nsibu madwar 66% mill-adulti litterati. Dawk li jgħixu fl-irħula u n-nisa huma l-anqas litterati. F'Malta



© Ms Lana Turner

t-tfal kollha huma obbligati jmorru l-iskola sa’ sittax-il sena, u l-istess liġijiet dwar l-edukazzjoni insibuhom fil-pajjiżi żviluppati kollha. L-edukazzjoni hi fundamentali għal-iżvilupp ta’ pajjiż, aktar ma’ għandek nies litterati aktar għandek pajjiż żviluppat.

**Ir-rata tal-mewt mat-twelid (Infant Mortality Rate)**

Din ir-rata tiġi mkejjla kull elf wild ħaj u jiġi studjat mill-UNICEF. Fl-1950 in-numru ta’ mwiet kien ta’ 295 f’kull elf, dan għamel progress kbir biex fl-1992 naqas għal mija f’kull elf. F’Malta il-figura qegħda ta’ 10 f’kull elf, li hu tajjeb ħafna meta ikkumparat mal-kumplament tal-pajjiżi żviluppati. Ovvjament ir-rati jibqgħu għoljin fil-pajjiżi li jsofru minn gwerrer, nuqqas ta’ ilma, mard sfrenat u ħafna faqar.

**L-ikel**

F’ħafna postijiet fit-tielet dinja l-produzzjoni tal-ikel tjiebet tant li għelbet iż-żieda fil-popolazzjoni għalhekk f’ħafna pajjiżi l-ammont ta’ ikel għal kulħadd żdied ħlief f’ċertu postijiet fl-Afrika. Ikel bil-kaloriji kuljum fl-1961 kien ta’ 1,957 filwaqt li fl-1991 dan żdied għal 2,480. Imma xorta għadna nsibu li 20% tal-popolazzjoni dinjija jibqgħu ma’ jieklux biżżejjed filwaqt li 2 biljuni ibagħtu minn defiċjenza ta’ vitamini u minerali u għalhekk ibagħtu minn ħafna mard. Fl-1992 157 miljun jew 3% tal-popolazzjoni kienu jgħixu f’pajjiżi milquta mill-ġuħ.

Fl-1969 33% tal-popolazzjoni fl-Afrika kienu neqsin mill-ikel filwaqt li fl-1990 din il-figura żdiedet għal 37%, F’pajjiżi oħra rajna kambjament filwaqt li l-livell tal-ġuħ naqas fl-Asja u fl-Amerika Latina fl-Istati Uniti żdied.


© Ms Lana Turner

**Bżonnijiet bażiċi oħra**

Titjib fil-livelli oħra jinkludu kemm hemm tobba għal kull elf ruħ. Insibu li f'ħafna pajjiżi ikun hemm tabib għal kull 7,000 ruħ hlief fl-Afrika fejn tabib irid iżur xi 35,000 ruħ.

Ir-rata ta' tilqim, twelidijiet bl-għajnuna u r-rata tal-mewt tal-ommijiet li qed iwelldu – ovvjament hawn ukoll ser insibu differenzi kbar. Xi ħaġa oħra li rajna titjieb fiha hi l-proviżżjoni u aċċess għal ilma tajjeb u sanitarju. Sa' l-1991 fil pajjiżi li qed jiżviluppaw ma' 80% kellhom aċċess. Fl-irħula titjib sar, imma xorta dawn l-akwati ibagħtu minn nuqqasijiet serji b'xi 55% biss jgawdu aċċess għal ilma nadif.

## IL-FAQAR DINJI – FATTI BAŻIĊI

Il-faqar jiġi mkejjel mid-dħul jew livell ta' infiq li hu mistenni biex wieħed jgħix f'livell ta' ħajja veru minima. Imma jekk inqisu kemm wieħed jonfoq jew il-fatturi li semmejna qabel ser insibu l-istess pajjiżi jaqaw dejjem taħt l-istatistika tal-faqar.

**Dawn huma ftit stqarrijiet maħruġa mill-'World Bank' :**

- Minn 5.6 biljuni li jgħixu fuq din il-pjaneta iktar minn biljun jgħixu fi stat ta' **faqar assolut** jiġifieri jaqilgħu 370 dollaru fis-sena jew anqas. Hawn qed nitkellmu dwar wieħed minn kull ħames persuni. Il-U.N. qed tistma li jekk l-affarijiet jibqgħu kif inhuma mas-sena 2000, 200 miljun ruħ assolutament fqar jiżdiedu ma' dawn il-figuri.


© Ms Lana Turner

- L-aktar li nsibu fqar huma fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw għalkemm il-fqar qegħdin kullimkien. L-aktar ammont konċentrat konna insibuh fl-Afrika u l-Asja imma fis-snin riċenti l-faqar żdied fl-Afrika, fl-Amerika Latina u fil-pajjiżi industrijalizzati filwaqt li naqas fl-Asja.

- In-nisa ibagħtu aktar bħala proporzjon għax insibu li 70% tan-nies kollha foqra huma nisa u warajhom bħala kategorija insibu lix-xjuħ. L-ifqar gruppi fit-tielet dinja jgħixu ġewwa djar fejn m'hemmx irġiel għal bosta raġunijiet per eż. għax l-irġiel mietu fil-gwerra.

- Fi snin riċenti il-faqar fil-pajjiżi żviluppati kiber ukoll per eż. il-faqar fl-Istati Uniti jaffetwa kważi 15% tal-popolazzjoni.

- Ħafna mill-fqar joqogħdu f'postijiet fejn l-art hija skarsa, il-produttività agrikola hija baxxa u hemm nuqqas kbir ta' ilma, maltemp u arrar u l-ħsarat ambjentali li dawn iħallu huma komuni. Skond il-UNICEF ".... il-faqar sar aktar konċentrat f'artijiet imbegħda u fis-'*slums*' viċin l-ibliet, żewġ akwati kompletament differenti għal xulxin imma b'ħaġa waħda komuni, t-tnejn ibagħtu minn ambjent naturali dgħajjef".

- Il-fqar ġeneralment ikollhom familji kbar, ftit assi, ħafna drabi m'għandhomx art, għandhom livell baxx ta' edukazzjoni u ġeneralment ikunu illetterati. Il-faqar ħafna drabi għandu konnessjoni ma' razza u kultura etnika u l-fqar ħafna drabi huma mifruda minħabba f'dawn id-differenzi kulturali. Allura huma għandhom ċans akbar li jiġu sfruttati u manipulati politikament.

Il-laqgħa dinjija għal-iżvilupp soċjali, inżammet f'Kopenhagen f'Marzu 1995. Iċ-ċhairman talab għal impenn speċifiku minn kull nazzjon lejn l-


© Ms Lana Turner

eliminazzjoni tal-faqar. Xtaq li jkun hemm żmien imsemmi fejn dan kellu jibda jsir biex verament kulħadd ikollu għalfejn ikun kburi. Imma qatt ma' ftehmu fuq dan iż-żmien li hu talab iżda l-ftehim biex il-faqar jiġi eliminat ġie iffermat.

"Kważi kwart ta' miljun abitant f'New York – iktar minn 3% tal-popolazzjoni tal-belt u aktar minn 8% mit-tfal suwed tal-istess belt – ġieli qagħdu ġo '*shelters*' f'dawn l-aħħar ħames snin ... Londra għandha wkoll mal-400,000 nies bla dar li jafu bihom. Franza għandha aktar minn 500,000 – kważi 10,000 minn dawn insibuhom f'Pariġi ... F'Calcutta, Dhaka u f-Mexico City, aktar minn 25% minn nies huma imqisa bħala nies bla dar fissa (floating population)" UNDP (1994) Human Development Report.

## MIN HUMA L-INTERNATIONAL MONETARY FUND U L-WORLD BANK

L-**IMF** u l-'**World Bank**' ġew imwaqqfa mill-alleati wara t-tmiem ta' tieni gwerra dinjija ġewwa Bretton Woods fl-Amerika. Għalhekk ġieli jsejħulhom l-istituzzjonijiet ta' Bretton Woods (BWIs).

L-alleati kienu raw il-ħtieġa għal istituzzjonijiet li setgħu jgħinu fir-reabilitazzjoni ta' wara l-gwerra, u li jippromovu n-negozju dinji li kien waqaf waqt il-gwerra. Ħafna pajjiżi kienu jħossu li dak li ġara fit-tieni gwerra dinjija kellu jiġi mwaqqaf milli qatt jerġa jiġri. Huma taw tort għal li ġara lill-idejat ta' protezzjoniżmu, ta' pajjiż idagħajjef lill ieħor anke f'dak li hu negozju, għal prezzijiet tal-bżonnijiet li kien waqa', li l-*'istock exchange'* falla, u għal qgħad sfrenat li kien hemm, bħala dawk il-fatturi li wasslu għal qawmien tal-faxxiżmu.



© Ms Lana Turner

**Ir-rwol tal-IMF** kien ser ikun li jwaqqaf sistema internazzjonali ta' flus li timxi b'ċertu ordni. Dan kien maħsub biex jagħmel in-negozju internazzjonali aktar faċli. Issa l-IMF iħaddan 179 pajjiż membru. Kull stat membru jagħmel ftehim li l-flus tiegħu jistgħu jiġu mibdula ma' flus ta' pajjiżi oħra bla ebda ndħil, li jinforma lill-IMF bil-liġijiet finanzjarji tiegħu, u li dawn il-liġijiet ikunu konformi mal-bżonnijiet tal-pajjiżi membri l-oħra. Pajjiżi li għandhom problemi ta' bilanċ ta' pagamenti jistgħu jisselfu mill-fond. Biex jagħmlu dan imma jridu jimplimentaw liġijiet ekonomiċi skond kif maħruġa mill-IMF, basta dawn ma' jkunux ta' ħsara għal ġid nazzjonali jew internazzjonali.

**Il-'World Bank'** hu l-istituzzjoni affiljat mal-IMF. Għalkemm ir-rwol primarju tiegħu kien biex jgħin biex terġa tiġi mibnija l-Ewropa wara il-gwerra, l-għan ewlieni sar li jislef somom ta' flus fit-tul lill pajjiżi li qed jiżviluppaw biex ikomplu bl-iżvilupp. Hu ħallas għal toroq, skemi tal-elettriku, proġetti għal ilma eċċ.

F'dawn l-aħħar snin id-differenzi bejn ir-rwol tal-IMF u dik tal-'World Bank' saret negliġibbli. Flimkien bdew jisilfu somom kbar ta' flus lill pajjiżi diġa mdejjna ħafna biex jgħinuhom iħallsu lill kredituri tagħhom speċjalment lill banek kummerċjali. Dan is-self isir bi ftehim dwar l-implimentar ta' programmi ta' tibdil strutturali skond kif jgħidu huma. Iġegħlu lill pajjiż jipprivatizza biex iġib il-fondi meħtieġa biex jitħallas lura d-dejn.

Bil-maqlub tal-UN fejn il-prinċipju fundamentali hu li kull pajjiż għandu vot wieħed, il-poter tal-vot fl-IMF u l-world bank hu skond l-ammont ta' flus li l-pajjiżi jinvestu fihom. Allura dawn iż-żewġ istituzzjonijiet


© Ms Lana Turner

huma dominati minn l-aktar pajjiżi sinjuri u b’saħħithom. Il-US għandu l-akbar sehem ta’ poter politiku – l-iżjed vot b’saħħtu.

## ID-DINJA MAQSUMA

Id-dinja li qed tiżviluppa tikkonsisti f’75% minn nies kollha tad-dinja imma tgawdi biss minn.....

- **15%** tal-enerġija ikkunsmata fid-dinja
- **17%** tal-prodott gross nazzjonali dinji
- **30%** tal-qamħ fid-dinja
- **18%** tad-dħul ekonomiku li ġej mill-esportazzjonijiet tad-dinja
- **11%** tal-infiq fuq l-edukazzjoni fid-dinja
- **6%** tal-infiq dinji fuq is-saħħa
- **5%** tax-xjenza u teknoloġija fid-dinja
- **8%** tal-industrija dinjija

Dak li jifdal igawdu minnu l-25% tal-kumplament tad-dinja u d-diskrepanza hija ovvja.

Għal filosofu Denis Goulet hemm **3 għanijiet** li jridu jintlaħqu biex ikun qed isir żvilupp :

1. **Titjieb fil-livell ta’ għajxien** (ikel, saħħa, djar jew kenn ieħor u protezzjoni eċċ.)
2. **Kif tkun stmat** (il-promozzjoni ta’ rispett lejn kulħadd)
3. **Il-libertà** (mhux biss fil-politika, imma anke fl-aspett soċjali, kulturali, ekonomiku u spiritwali)

Għalhekk jidher li għal Gaulet għandna inkunu konċernati wkoll mal-**valuri u l-etika** meta nitkellmu dwar żvilupp.



© Ms Lana Turner